

Brussell, 29 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10346/18

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0138 (NLE)

COASI 160
ASIE 28
ELARG 39

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.	10403/15
Nru dok. Cion:	COM(2015) 312 final
Suġġett:	UE - Repubblika tal-Korea: Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni - Adeżjoni tal-Kroazja - Adozzjoni

1. Fis-26 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-test tal-abbozz ta' Protokoll għall-Ftehim Qafas kif jinsabu fid-dokumenti 10404/15 + ADD1. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll (dok. 10403/15 + ADD1).

2. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ma' ftehimiet iffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandha tiġi maqbula permezz ta' Protokoll għal dawk il-ftehimiet.
3. Fil-21 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea¹, u ddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, abbażi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti, fid-dokument 7817/16 + COR 1 (en).
4. Il-Protokoll ġie ffirmat fil-21 ta' Ġunju 2017 fi Brussell.
5. L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ingħatat fit-3 ta' Mejju 2018.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja laħaq qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi fid-29 ta' Ġunju 2018.

¹ ĠU L 161, 26.6.2018, p. 1

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- a) jadotta bħala punt "A" d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, kif tinsab fid-dokument tal-Ġ/L 7817/16 + COR1 (en), flimkien mal-Protokoll għall-Ftehim Qafas kif jinsab fid-dokument tal-Ġ/L 7730/16.
8. Huwa mfakkar li l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet Kontraenti kollha jkunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan.
-